# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 24**

**Avviz. numru 621/98mm**

**Maltacom plc**

**vs**

**Francis Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' April 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tminn mija u disa u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm899.42c) rappresentanti ammonti arretrati dovuti minnu lill-istess attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 343129 skond l-istatement anness (Dokument A), u dan wara t-talba tieghu ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telephone (Dokument B).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Ottubru,1997, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

Illi l-unika ammont dovut lis-socjeta' attrici mill-esponenti huwa dak ta' mitejn lira Maltin (Lm200) kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti  u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qieghed jammetti illi huwa ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira (Lm200), pero' qed jirrifjuta li jirrikonoxxi li huwa ghamel xi telefonati fl-esteru jew inkella permezz tal-mobile.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni x-xhieda tal-konvenut jidrilha illi dana probabbilment ghandu ragun. Kif xehed Dr Anthony Ellul a fol 37 tal-process, dana kkomunika  ma' l-Isvizzera bin-numru ndikat fil-prospett u kellem lil certa Isabelle Etter  li qaltlu li kienet qed tikkomunika ma' bniedem malti minn Awissu 1992. Dana huwa proprju z-zmien meta bdew jidhru t-

telefonati lejn l-esteru fil-kontijiet tal-konvenut. Dan ta' l-ahhar spjega c-cirkostanzi tax-xoghol tieghu kif ukoll dawk tad-dar fejn hemm biss hu u martu u jeskludi li qatt kellu xi konnessjonijiet ma' l-Isvizzera.

Bil-verbal tal-21 ta'  Mejju 2001 il-Qorti ordnat li jsir *breakdown* tal-prospett esibit f'dawn l-atti biex jigi ndikat l-ammont li huma dovuti ghall-*calls* illi saru lejn l-Isvizzera. Irrizulta illi lejn dan il-pajjiz saru 38 sejha ammontanti ghal sitt mija u tnejn u erbghin lira u  sebghin centezmu (Lm642.70c) kif ukoll saru xi sejhiet fuq il-mobile li kienu jiswew lira u sittin centezmu (Lm1.60c). Dawna jgibu t-total ta' sitt mija erbgha u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm644.10c). Il-Qorti ma jidhirlhiex li din ic-cifra ghandha tkun ta' responsabbilta' tal-konvenut peress illi, kif xehed ir-rappresentant tas-socjeta' attrici xi hadd tal-mistjier facilment jista jidhol fil-linji ta' haddiehor jekk ikollu access ghal dawn il-linji minn fuq il-bjut. Ghalhekk meta l-Qorti tnaqqas din ic-cifra reklamata fl-avviz tirrizulta illi s-socjeta' attrici ghandha tithallas minghand il-konvenut l-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin lira u tnejn u tletin centezmi (Lm255.32c).

Kif gia nghad fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut ammetta li ghandu jaghti l-ammont ta' mitejn lira (Lm200) liema ammont ma giex depozitat il-Qorti. Madankollu jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez peress illi l-ammont mitlub fl-avviz ma giex milqugh fl-intier tieghu u dana meta s-socjeta' attrici kienet fi grad li tivvaluta il-provi li kien hemm in konnessjoni ma' dan il-kaz anke permezz ta'

*contestation board* illi suppost investigat il-kaz u dehrilha illi ma kien hemm xejn hazin.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' mitjen u hamsa u hamsin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm255.32c) rappresentanti ammont u arretrati dovuti mill-konvenut lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 343129. Stante c-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Anthony Zammit

Dep Reg